

## **Anness I**

**Lista tal-ismijiet, għamla farmaċewtika, qawwa tal-prodotti mediċinali veterinarji, speċi li fuqhom għandu jintuża l-prodott, mnejn jingħata, detenturi tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq fl-istat membru**

<b>Stat Membru/EEA</b>	<b>Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq</b>	<b>Isem kummerċjali</b>	<b>INN &amp; Qawwa</b>	<b>Għamla Farmaċewtika</b>	<b>Speċi li fuqhom għandu jintuża l-prodott</b>
Awstrija	Eurovet Animal Health B.V., Handelsweg 25, 5531 AE Bladel, The Netherlands	Soludox 500 mg/g Pulver zum Eingeben über das Trinkwasser für Hühner	Doxycycline hyclate 500 mg/g	trab għall-użu fl-ilma tax-xorb	Tiġieġ
Awstrija	Eurovet Animal Health B.V., Handelsweg 25, 5531 AE Bladel, The Netherlands	Soludox 500 mg/g Pulver zum Eingeben über das Trinkwasser für Schweine	Doxycycline hyclate 500 mg/g	trab għall-użu fl-ilma tax-xorb	Ħnieżer
Belġju	Eurovet N.V. Poorthoevestraat 4, 3 550 Heusen-Zolder Belgium	Soludox 50%	Doxycycline hyclate 500 mg/g	trab għall-użu fl-ilma tax-xorb	Ħnieżer Tiġieġ
Repubblika Ċeka	Eurovet Animal Health B.V., Handelsweg 25, 5531 AE Bladel, The Netherlands	Soludox 500 mg/g prášek pro podání v pitné vodě pro prasata	Doxycycline hyclate 500 mg/g	trab għall-użu fl-ilma tax-xorb	Ħnieżer
Danimarka	Eurovet Animal Health B.V., P.O. 179, Handelsweg 25, NL-5531 AE Bladel, The Netherlands	Soludox Vet.	Doxycycline hyclate 500 mg/g	trab għall-użu fl-ilma tax-xorb	Ħnieżer
Estonja	Eurovet Animal Health B.V., Handelsweg 25, 5531 AE Bladel, The Netherlands	Soludox, 500 mg/g, suukaudse lahuse pulber sigadele	Doxycycline hyclate 500 mg/g	trab għall-użu fl-ilma tax-xorb	Ħnieżer

<b>Stat Membru/EEA</b>	<b>Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq</b>	<b>Isem kummerċjali</b>	<b>INN &amp; Qawwa</b>	<b>Għamla Farmaċewtika</b>	<b>Speċi li fuqhom għandu jintuża l-prodott</b>
Estonja	Eurovet Animal Health B.V., Handelsweg 25, 5531 AE Bladel, The Netherlands	Soludox, 500 mg/g, suukaudse lahuse pulber kanadele	Doxycycline hyclate 500 mg/g	trab għall-użu fl-ilma tax-xorb	Tiġieġ
Finlandja	Eurovet Animal Health B.V., Handelsweg 25, 5531 AE Bladel, The Netherlands	Soludox 500 mg/g jauhe juomaveteen sekoitettavaksi sioille	Doxycycline hyclate 500 mg/g	trab għall-użu fl-ilma tax-xorb	Ħnieżer
Finlandja	Eurovet Animal Health B.V., Handelsweg 25, 5531 AE Bladel, The Netherlands	Soludox 500 mg/g jauhe juomaveteen sekoitettavaksi kanoille	Doxycycline hyclate 500 mg/g	trab għall-użu fl-ilma tax-xorb	Tiġieġ
Franza	Eurovet Animal Health B.V., Handelsweg 25, 5531 AE Bladel, The Netherlands	Soludox 433 mg/g poudre pour administration dans l'eau de boisson pour poulets	Doxycycline (as hyclate) 433 mg/g	trab għall-użu fl-ilma tax-xorb	Tigieġ
Franza	Eurovet Animal Health B.V., Handelsweg 25, 5531 AE Bladel, The Netherlands	Soludox 433 mg/g poudre pour administration dans l'eau de boisson pour porcs.	Doxycycline (as hyclate) 433 mg/g	trab għall-użu fl-ilma tax-xorb	Ħnieżer
Ġermanja	Eurovet Animal Health B.V., Handelsweg 25, 5531 AE Bladel, The Netherlands	Soludox 500 mg/g Pulver zum Eingeben über das Trinkwasser für Hühner	Doxycycline hyclate 500 mg/g	trab għall-użu fl-ilma tax-xorb	Tiġieġ

<b>Stat Membru/EEA</b>	<b>Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq</b>	<b>Isem kummerċjali</b>	<b>INN &amp; Qawwa</b>	<b>Għamla Farmaċewtika</b>	<b>Speċi li fuqhom għandu jintuża l-prodott</b>
Ġermanja	Eurovet Animal Health B.V., Handelsweg 25, 5531 AE Bladel, The Netherlands	Soludox 500 mg/g Pulver zum Eingeben über das Trinkwasser für Schweine	Doxycycline hyclate 500 mg/g	trab għall-użu fl-ilma tax-xorb	Ħnieżer
Greċja	Eurovet Animal Health B.V., Handelsweg 25, 5531 AE Bladel, The Netherlands	Soludox 500 mg/g κόινος για χρήση στο πόσιμο νερό για όρνιθες	Doxycycline hyclate 500 mg/g	trab għall-użu fl-ilma tax-xorb	Tiġieġ
Ungerija	Eurovet Animal Health B.V., P.O. 179, Handelsweg 25, NL-5531 AE Bladel, The Netherlands	Soludox 50% pulvis A.U.V.	Doxycycline hyclate 500 mg/g	trab għall-użu fl-ilma tax-xorb	Tiġieġ
Italja	Eurovet Animal Health B.V., Handelsweg 25, 5531 AE Bladel, The Netherlands	Soludox 500 mg/g polvere per uso in acqua di bevanda per suini	Doxycycline hyclate 500 mg/g	trab għall-użu fl-ilma tax-xorb	Ħnieżer
Italja	Eurovet Animal Health B.V., Handelsweg 25, 5531 AE Bladel, The Netherlands	Soludox 500 mg/g polvere per uso in acqua di bevanda per polli.	Doxycycline hyclate 500 mg/g	trab għall-użu fl-ilma tax-xorb	Tiġieġ
Latvja	Eurovet Animal Health B.V., Handelsweg 25, 5531 AE Bladel, The Netherlands	Soludox 500 mg/g pulveris lietošanai ar dzeramo ūdeni cūkām	Doxycycline hyclate 500 mg/g	trab għall-użu fl-ilma tax-xorb	Ħnieżer
Latvja	Eurovet Animal Health B.V., Handelsweg 25, 5531 AE Bladel, The Netherlands	Soludox 500 mg/g pulveris lietošanai ar dzeramo ūdeni vistām	Doxycycline hyclate 500 mg/g	Trab għall	Tiġieġ

<b>Stat Membru/EEA</b>	<b>Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq</b>	<b>Isem kummerċjali</b>	<b>INN &amp; Qawwa</b>	<b>Għamla Farmaċewtika</b>	<b>Speċi li fuqhom għandu jintuża l-prodott</b>
Litwanja	Eurovet Animal Health B.V. Handelsveg 25 - PO Box 179, 5530 AD Bladel The Netherlands	SOLUDOX 500 mg/g, geriamieji milteljai,	Doxycycline hyclate 500 mg/g	trab għall-użu fl-ilma tax-xorb	Ħnieżer Tiġieġ
Olanda	Eurovet Animal Health B.V. Handelsveg 25 - PO Box 179, 5530 AD Bladel The Netherlands	DOXY ORT 50% Poeder voor toediening aan het drinkwater van varkens en kippen	Doxycycline hyclate 500 mg/g	trab għall-użu fl-ilma tax-xorb	Ħnieżer Tiġieġ.
Olanda	Eurovet Animal Health B.V. Handelsveg 25 - PO Box 179, 5530 AD Bladel The Netherlands	DOXYFAR 50% Poeder voor toediening aan het drinkwater van varkens en kippen	Doxycycline hyclate 500 mg/g	trab għall-użu fl-ilma tax-xorb	Ħnieżer Tiġieġ.
Olanda	Eurovet Animal Health B.V. Handelsveg 25 - PO Box 179 5530 AD Bladel The Netherlands	SOLUDOX 50%, poeder voor toediening via het drinkwater aan varkens en kippen	Doxycycline hyclate 500 mg/g	trab għall-użu fl-ilma tax-xorb	Ħnieżer Tiġieġ.
Olanda	Eurovet Animal Health B.V., Handelsweg 25, 5531 AE Bladel, The Netherlands	Soludox 500 mg per gram voor gebruik in drinkwater voor kippen	Doxycycline hyclate 500 mg/g	trab għall-użu fl-ilma tax-xorb	Tiġieġ
Polonja	Eurovet Animal Health B.V., Handelsweg 25, 5531 AE Bladel, The Netherlands	Soludox 50%; 500 mg/g proszek do podawania w wodzie do picia dla swiń i kur	Doxycycline hyclate 500 mg/g	trab għall-użu fl-ilma tax-xorb	Ħnieżer Tiġieġ

<b>Stat Membru/EEA</b>	<b>Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq</b>	<b>Isem kummerċjali</b>	<b>INN &amp; Qawwa</b>	<b>Għamla Farmaċewtika</b>	<b>Speċi li fuqhom għandu jintuża l-prodott</b>
Slovakja	Eurovet Animal Health B.V., Handelsweg 25, 5531 AE Bladel, The Netherlands	Soludox 500 mg/g prášok pre užívání s pitnou vodou pre ošípané	Doxycycline hyclate 500 mg/g	trab għall-użu fl-ilma tax-xorb	Ħnieżer
Spanja	Eurovet Animal Health B.V., Handelsweg 25, 5531 AE Bladel, The Netherlands	Soludox 500 mg/g polvo para administración en agua de bebida para porcino	Doxycycline hyclate 500 mg/g	trab għall-użu fl-ilma tax-xorb	Ħnieżer
Spanja	Eurovet Animal Health B.V., Handelsweg 25, 5531 AE Bladel, The Netherlands	Soludox 500 mg/g polvo para administración en agua de bebida para pollos.	Doxycycline hyclate 500 mg/g	trab għall-użu fl-ilma tax-xorb	Tiġieġ
Renju Unit	Eurovet Animal Health B.V., Handelsweg 25, 5531 AE Bladel, The Netherlands	Soludox, 500 mg/g, Water Soluble Powder for Pigs	Doxycycline hyclate 500 mg/g	trab għall-użu fl-ilma tax-xorb	Ħnieżer
Renju Unit	Eurovet Animal Health B.V., Handelsweg 25, 5531 AE Bladel, The Netherlands	Soludox 500 mg/g powder for use in drinking water for chickens	Doxycycline hyclate 500 mg/g	trab għall-użu fl-ilma tax-xorb	Tiġieġ
Renju Unit	Eurovet Animal Health B.V., Handelsweg 25, 5531 AE Bladel, The Netherlands	Soludox 500 mg/g powder for use in drinking water for pigs	Doxycycline hyclate 500 mg/g	trab għall-użu fl-ilma tax-xorb	Ħnieżer

## **Anness II**

**Konklużjonijiet xjentifiċi u r-raġunijiet għall-emenda tas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott, it-tikketta u l-fuljett ta' tagħrif**

# Sommarju ġenerali tal-evalwazzjoni xjentifika ta' Doxyfar 50% u l-ismijiet assoċjati (*ara annex I*)

## 1. Introduzzjoni

Doxyfar 50 % u l-ismijiet assoċjati huwa trab għall-użu fl-ilma tax-xorb li fih is-sustanza attiva doxycycline hyclate 500 mg/g. Doxycycline huwa antibijotiku tetraciklin semi-sintetiku. It-tetraċiklini għandhom attività bi spettru wiesgħa li jinibixxu l-batterji Gram-pożittivi u Gram-negattivi, il-*mikroplażmi*, *klamidji*, *rickettsias* u xi *protozoa*. Doxycycline huwa batterjostatiku u jaġixxi billi jimpedixxi s-sintesi tal-proteini fiċ-ċelloli billi jeħel mas-sottounità 30-S tar-ribosoma batterika.

Minħabba d-deċiżjonijiet nazzjonali diverġenti li ttieħdu mill-Istati Membri dwar l-awtorizzazzjoni ta' Doxyfar 50 % u tal-ismijiet assoċjati, il-kwistjoni ġiet riferuta lis-CVMP skont l-Artikolu 34(1) tad-Direttiva 2001/82/KE, biex jiġu riżolti d-diverġenzi fost is-Sommarji tal-Karatteristiċi tal-Prodott (SPC) li huma awtorizzati fuq livell nazzjonali madwar l-Unjoni Ewropea.

Is-sezzjonijiet ewlenin ta' diżarmonija tal-SPCs eżistenti kienu:

- L-ispeċi fil-mira;
- L-indikazzjonijiet;
- L-ammonti li jridu jingħataw;
- Il-perjodi tal-irtirar.

Ġie nnutat li ma kien hemm l-ebda deċiżjonijiet diverġenti "reali" li ttieħdu mill-Istati Membri dwar l-ispeċi fil-mira (tiġieġ u majjali) minħabba li d-deċiżjonijiet tas-Sid tal-Awtorizzazzjoni tal-Kummerċjalizzazzjoni għall-inklużjoni/esklużjoni tat-tiġieġ u /jew tal-majjali bħala speċi fil-mira kienu bbażati fuq raġunijiet kummerċjali u d-dejta b'appoġġ tal-applikazzjonijiet kienet l-istess.

## 2. Diskussjoni tad-dejta disponibbli

### Tiġieġ

Preċedentement kienet ġiet sottomessa dejta bħala parti mir-referenza riċenti għall-Artikolu 35 għall-qawwiet kollha tat-trab li jinħall fl-ilma u għas-soluzzjonijiet orali li fihom doxycycline hyclate indikati għall-użu fit-tjur u intiżi għall-għoti permezz tal-ilma tax-xorb (EMA/V/A/047). Għall-kura ta' *P. multocida*, ġie miftiehem reġimen ta' dożaġġ ta' 10 mg/kg tal-piż tal-ġisem għal 4 jew 5 ijiem. Għal *O. rhinotracheale*, l-ebda doża terapewtika ma setgħat tiġi kkonfermata. Barra minn hekk is-Sid tal-Awtorizzazzjoni tal-Kummerċjalizzazzjoni issottometta dejta mir-Rapport Perjodik ta' Aġġornament dwar is-Sigurtà (PSUR) li indikat li l-ebda avveniment avvers fit-tiġieġ, inkluż l-issuspettat nuqqas ta' effikaċja mistennija, ma ġie rrapportat fl-Unjoni Ewropea matul l-aħħar 5 snin. Is-Sid tal-Awtorizzazzjoni tal-Kummerċjalizzazzjoni ipprova argument konvinċenti li fil-qasam, id-distinzjoni bejn *Pasteurellosis* u *O. rhinotracheale* fit-tjur setgħet tinkiseb faċilment. Fuq bażi tal-użu stabbilit sew u n-nuqqas ta' dejta għan-nuqqas issuspettat ta' effikaċja mistenni, ir-reġimen tad-doża għall-infezzjonijiet ikkawżati minn *P. multocida* ta' 10 mg doxycycline hyclate kull kilogramm tal-piż tal-ġisem għal 3 sa 4 ijiem konsekuttivi u għall-infezzjonijiet ikkawżati minn *O. rhinotracheale* ta' 20 mg doxycycline hyclate kull kg tal-piż tal-ġisem għal 3 sa 4 ijiem konsekuttivi kien ikkunsidrat bħala aċċettabbli.

Ġiet sottomessa dejta dwar it-tnaqqis fir-residwi fil-laħam tat-tiġieġ għaż-żewġ reġimens ta' dożaġġ (10 mg doxycycline hyclate kull kg tal-piż tal-ġisem għal 4 ijiem u 20 mg doxycycline hyclate kull kg tal-piż tal-ġisem għal 4 ijiem). Il-perjodu ta' rtirar ta' 3 ijiem għal-laħam tat-tiġieġ wara rata ta' doża ta' 10 mg doxycycline hyclate kull kg tal-piż tal-ġisem kuljum għal 4 ijiem kien ikkunsidrat bħala



aċċettabbli. Barra minn hekk il-perjodu ta' rtirar ta' 12-il ġurnata għal-laħam tat-tiġieġ wara rata ta' doża ta' 20 mg doxycycline hyclate kull kg tal-piż tal-ġisem kuljum għal 4 ijiem kien ikkunsidrat bħala aċċettabbli.

### **Majjali**

Ma kien hemm l-ebda diskrepanza ċara bejn l-Istati Membri fir-reġimen tad-doża dwar l-użu tal-prodott fil-majjali.

Is-Sid tal-Awtorizzazzjoni tal-Kummerċjalizzazzjoni ipprova evidenza li l-linja bażi ta' PK ta' doxycycline, meta tingħata b'mod orali lill-majjali f'doża ta' 12.5 mg/kg tal-piż tal-ġisem tipprovdi livelli ta' 0.71 - 1.14 µg/ml fil-plażma (Pijpers *et al.* (1991)<sup>1</sup>. Barra minn hekk is-Sid tal-Awtorizzazzjoni tal-Kummerċjalizzazzjoni ipprova wkoll evidenza (Bousquet *et al.* 1998)<sup>2</sup> li doxycycline jikkonċentra fit-tnixxijiet nażali u jekk jingħata f'reġimens ta' doża bejn 11.8 -13.3 mg/kg tal-piż tal-ġisem għal siegħa kuljum jintlaħqu konċentrazzjonijiet ta' bejn 0.7 u 1 µg/ml fil-pulmun u konċentrazzjonijiet nażali ta' 1.7 +/- 0.4 µg/ml. Jekk l-istess għalf jingħata *ad libitum* matul il-ġurnata, il-konċentrazzjonijiet fil-pulmun jogħlew għal 2.9 +/- 0.6 µg/ml. Bousquet *et al.* 1997<sup>3</sup> jipprovdu evidenza ta' konċentrazzjonijiet inibitorji minimi (MICs) ta' doxycycline kontra: *P. multocida* ta' 0.13 - 2.0 µg/ml (55 razza), *A. pleuropneumoniae* 0.25 - 2.0 µg/ml (59 razza), *M. hyponeumoniae* 0.016 - 2 µg/ml (26 razza). B'mod sinifikanti ma kienet osservata l-ebda inter-reżistenza bejn oxytetracycline u doxycycline. Minn din id-dejta jista' jiġi previst li l-konċentrazzjonijiet ta' doxycycline jaqbżu l-MIC fit-tessut fil-mira għall-maġġoranza tal-patoġeni msemmija fil-majjali.

Is-Sid tal-Awtorizzazzjoni tal-Kummerċjalizzazzjoni intalab biex jissottometti dejta biex jappoġġja l-ispeċi u l-indikazzjonijiet fil-mira fil-majjali. Bi tweġiba għal dan, is-Sid tal-Awtorizzazzjoni tal-Kummerċjalizzazzjoni issottometta dejta mill-PSUR li tkopri l-aħħar 5 snin. Ma kien hemm l-ebda rapport ta' avvenimenti avversi fil-majjali, inkluż l-issuspettat nuqqas ta' effikaċja mistennija, matul l-aħħar 5 snin.

Id-dejta dwar it-tnaqqis fir-residwi fil-laħam tal-majjali tpoġġiet għad-dispożizzjoni u appoġġat perjodu ta' rtirar ta' 4 ijiem għal-laħam meta l-majjali jingħataw 12.5 mg doxycycline hyclate/kg tal-piż tal-ġisem /kuljum sa massimu ta' 8 ijiem.

## **3. Valutazzjoni tal-benefiċċju u tar-riskju**

### **Valutazzjoni tal-benefiċċju**

#### **Tiġieġ**

Ma ġiet ipprovduta l-ebda dejta għat-tiġieġ, madankollu, is-Sid tal-Awtorizzazzjoni tal-Kummerċjalizzazzjoni issottometta b'appoġġ għar-referenza riċenti għall-Artikolu 35 għall-qawwiet kollha tat-trab li jinħall fl-ilma u għas-soluzzjonijiet orali li fihom doxycycline hyclate indikati għall-użu fit-tiġieġ u intiżi għall-għoti permezz tal-ilma tax-xorb (EMA/V/A/047).

Ġie miftiehem li l-ispeċi fil-mira għandhom jiġu armonizzati madwar l-Istati Membri kollha fejn il-prodott huwa awtorizzat jew qiegħed jistenna l-awtorizzazzjoni u b'mod konformi mal-armonizzazzjoni riċenti tal-Artikolu 35 bħala "tiġieġ (brojler, pullet, għat-trobbija)", u l-indikazzjonijiet segwenti għal Doxyfar 50% u l-ismijiet assoċjati ġew miftiehma:

<sup>1</sup> Pijpers, A. *et al.* (1991), Plasma levels of oxytetracycline, doxycycline, and monocyline in pigs after oral administration in feed. *J. Amer. Sci.* 69, 4512-4522

<sup>2</sup> Bousquet *et al.* 1998, Pharmacokinetics of doxycycline in pigs following oral administration in feed *Vet.Res.* 29 , 475-485

<sup>3</sup> Bousquet E., Morvan H., Aitken I., Morgan J.H.(1997), Comparative in vitro activity of doxycycline and oxytetracycline against porcine respiratory pathogens, *Veterinary Record*, July 12, 141(2), p. 37-40

- Tiġieġ (brojler, pullet, għat-trobbija): Fejn marda klinika hija preżenti fil-qatgħa, biex tnaqqas il-mortalità, il-morbożità u s-sinjali kliniċi u biex tnaqqas il-leżjonijiet minħabba *Pasteurella multocida* jew biex tnaqqas il-morbożità u l-leżjonijiet fl-infezzjonijiet respiratorji kkawżati minn *O. rhinotracheale*.

Fil-ħin tar-referenza għall-Artikolu 35, ma kien hemm l-ebda evidenza dokumentata fir-rigward tal-issuspettat nuqqas ta' effikaċja mistenni ta' prodotti b' doxycycline fit-tiġieġ. Għet ipprovduta dejta b'apoġġ għall-indikazzjoni għal *P. multocida* f'doża ta' 10 mg doxycycline hyclate kull kg tal-piż tal-ġisem kuljum. Id-dejta kienet inkonklussiva fir-rigward tal-indikazzjoni għal *O. rhinotracheale*, iżda għet konkluż li fuq il-bażi tal-użu stabbilit sew u minħabba li ma kien hemm l-ebda rapport ta' avvenimenti avversi, inkluż l-issuspettat nuqqas ta' effikaċja mistennija, id-dożaġġ attwali seta' jiġi kkunsidrat li huwa sigur u effettiv.

Sar qbil fuq id-doża rakkomandata li ġejja għal Doxyfar 50% u l-ismijiet assoċjati:

- Tiġieġ (broiler, pullet, għat-trobbija): 10 mg doxycycline hyclate kull kg tal-piż tal-ġisem kuljum għal 3-4 ijiem għall-kura ta' infezzjonijiet ikkawżati minn *P. multocida* u 20 mg doxycycline hyclate kull kg tal-piż tal-ġisem kuljum għal 3-4 ijiem għall-kura ta' infezzjonijiet ikkawżati minn *O. rhinotracheale*.

Id-dejta dwar it-tneħħija ta' residwi fit-tiġieġ tappoġġa l-perjodu ta' rtirar ta' 3 ijiem għal-laħam meta t-tiġieġ jingħataw doża ta' 10 mg doxycycline hyclate/kg tal-piż tal-ġisem /ġurnata għal 4 ijiem.

Id-dejta dwar it-tneħħija ta' residwi fit-tiġieġ tappoġġa perjodu ta' rtirar ta' 12-il ġurnata għal-laħam meta t-tiġieġ jingħataw doża ta' 20 mg doxycycline hyclate/kg tal-piż tal-ġisem /ġurnata għal 4 ijiem.

### **Majjali**

Is-Sid tal-Awtorizzazzjoni tal-Kummerċjalizzazzjoni issottometta korp ta' referenzi għal-letteratura li appoġġja tbassir li meta tingħata fir-rata tad-doża proposta, il-konċentrazzjoni ta' doxycycline fit-tessut rilevanti taqbeż il-MIC għal ħafna mill-patoġeni fil-mira. Ma għet sottomessa l-ebda prova klinika jew dejta ulterjuri mill-provi fuq il-post.

Għet sottomessa wkoll dejta ppubblikata fir-rigward tal-livelli eżistenti ta' reżistenza għal doxycycline fil-patoġeni fil-mira. Il-maġġoranza tad-dejta kkwotata kienet tirrigwarda r-reżistenza ġenerali għat-tetraċiklini, u għet nnutat li normalment reżistenza għal doxycycline b'mod speċifiku kienet inqas iddokumentata. Ma kien hemm l-ebda dejta li tindika livelli li qegħdin jiżdiedu ta' reżistenza u r-rilevanza ta' inter-reżistenza bejn doxycycline u t-tetraċiklini aktar qodma għet ukoll diskussa iżda għal darb'oħra d-dejta ma kinitx biżżejjed biex tippermetti li jintlaħqu konklużjonijiet b'saħħithom.

Ma kien hemm l-ebda rapport ta' avvenimenti avversi, inkluż l-issuspettat nuqqas ta' effikaċja mistenni tal-prodott fil-majjali fir-Rapport Perjodiku ta' Aġġornament dwar is-Sigurtà li jkopri l-perjodu tal-aħħar 5 snin. Doxycycline hyclate jista' jiġi kkunsidrat li għandu "użu stabbilit sew".

Sar qbil fuq l-indikazzjonijiet segwenti għal Doxyfar 50% u l-ismijiet assoċjati:

- Majjali: Għall-kura tas-sinjali kliniċi assoċjati mal-mard respiratorju fil-majjali kkważat minn *Actinobacillus pleuropneumoniae*, *Pasteurella multocida* u *Mycoplasma hyopneumoniae* suxxettibbli għal doxycycline.

Sar qbil fuq id-doża rakkomandata li ġejja għal Doxyfar 50% u l-ismijiet assoċjati:

- Majjali: 12.5 mg doxycycline hyclate (prodott ta' 25 mg) kull kg tal-piż tal-ġisem kuljum għal 4 ġranet konsekuttivi. Jekk ma jidher l-ebda titjib fis-sinjali kliniċi matul dan iż-żmien, id-dijanjożi għandha tiġi riveduta u l-kura tinbidel. Fil-każ ta' infezzjonijiet serji, il-perjodu ta'

Dejta dwar it-tneħħija tar-residwi fil-majjali tappoġġa perjodu ta' rtirar ta' 4 ijiem għal-laħam meta l-majjali jingħataw doża ta' 12.5 mg doxycycline hyclate/kg tal-piż tal-ġisem/kuljum sa massimu ta' 8 ijiem.

### **Valutazzjoni tar-Riskju**

Doxycycline huwa elenkat bħala "antimikrobiku importanti ħafna" għall-użu fuq il-bniedem, u "kritikament importanti" għall-użu veterinarju skont il-kriterji tad-WHO, 2007. Fil-mediċina umana, doxycycline huwa l-kura tal-għażla għall-kura tat-trakeobronkite akuta, il-bronkite akuta u l-bronkjolite akuta kkawżata minn infezzjonijiet batteriċi primarji (*Mycoplasma pneumoniae*, *Chlamydia pneumoniae*) u superinfezzjonijiet batterjali (*Pneumococci*, *Haemophilus spp.*). It-trażmissjoni ta' mikroorganżmi reżistenti (determinanti reżistenti) permezz tal-ikel, b'mod dirett kif ukoll mill-ambjent għandha tiġi kkunsidrata bħala riskju relatat mal-użu tal-prodott minkejja l-fatt li l-kwantifikazzjoni tat-trażmissjoni ta' aġenti zoonotiċi u t-trasferimenti orizzontali ta' ġeni reżistenti bejn il-batterji tal-annimali u tal-bnedmin hija estremament diffiċli *in vivo* (F. J. Angulo et al., 2004)<sup>4</sup>. Fil-ħin tar-referenza għall-Artikolu 35 dwar it-trab li jinħall fl-ilma u s-soluzzjonijiet orali li fihom doxycycline hyclate ġie identifikat li fl-*E. coli* iżolat mit-tiġieġ kienet teżisti rata ta' reżistenza għolja għat-tetraċiklini (De Jong et al, 2009)<sup>5</sup>. Livelli għoljin ta' reżistenza għat-tetraċiklini fil-patoġeni respiratorji tal-majjali kienu diġà ġew iddokumentati (studju ARBAO-II, 2008)<sup>6</sup>. Minkejja li r-reżistenza fil-patoġeni tal-aħħar tista' tkun ta' inqas sinifikanza għas-saħħa pubblika, id-disponibbiltà ta' reġimen addattat ta' dożaġġ biex jillimita l-iżvilupp ta' reżistenza huwa neċessarju biex jiproteġi s-saħħa tal-annimali.

Fl-indirizzar tar-reġimen ta' dożaġġ is-Sid tal-Awtorizzazzjoni tal-Kummerċjalizzazzjoni ma ddiskutiex il-Farmakokinetika/Farmakodinamika f'termini ta' parametru li jillimita l-iżvilupp ta' reżistenza. Madankollu, huwa aċċettat li l-livelli ta' reżistenza għat-tetraċiklini rrapportata fil-letteratura ma jistgħux jiġi direttament estrapolati għal doxycycline, u l-liposolubilità akbar ta' doxycycline tista' tispjega għaliex is-suxxebbilità *in vitro* ta' organiżmi nżammet minkejja r-reżistenza emerġenti għat-tetraċiklini. In-nuqqas ta' programm ta' sorveljanza bbażat fuq mod epidemjoloġiku u metodoloġija standardizzata ta' ittestjar ta' suxxettibilità jikkomplicha l-interpretazzjoni tar-rapporti. Barra minn hekk, fin-nuqqas ta' ebda dejta ta' farmakoviġilanza avversa li tindika l-issuspettat nuqqas ta' effikaċja mistennija, huwa kkunsidrat li r-reviżjoni tar-rata tad-doża u tar-reġimen mhijex iġġustifikata.

Ma hemm l-ebda tibdil lir-reġimen tad-dożaġġ li qiegħed jiġi propost jew għat-tiġieġ jew għall-majjali, għalhekk mhuwiex sejjer ikun hemm żieda fl-espożizzjoni ta' doxycycline lill-ambjent.

### **Il-ġestjoni tar-riskju jew miżuri ta' mitigazzjoni**

Il-prekawzjonijiet biex jiġi limitat l-iżvilupp ta' reżistenza, li ġew irrakkomandati mis-CVMP waqt ir-referenza għall-Artikolu 35, ġew inklużi f'sezzjoni 4.5 tal-SPC. Dawn it-twissijiet ġew imwessa' biex iqisu r-reżistenza għat-tetraċiklini rikonoxxuti fl-iżolati mill-majjali. Informazzjoni addizzjonali għet miżjuda lill-SPC dwar il-mekkaniżmi ta' reżistenza għat-tetraċiklini in ġenerali.

Id-dejta dwar it-tneħħija tar-residwi fit-tiġieġ ippermettiet l-issettjar tal-perjodi tal-irtirar tal-laħam fit-tiġieġ. Perjodu ta' rtirar ta' 3 ijiem għal-laħam tat-tiġieġ meta t-tiġieġ jirċievu kura b'10 mg

<sup>4</sup> F. J. Angulo et al., Evidenza ta' Rabta bejn l-Użu ta' Aġenti Anti-mikrobjali fl-Annimali għall-Ikel u r-Reżistenza Anti-mikrobjali fost il-Batterji Iżolati mill-Bnedmin u l-Konsegwenzi għas-Saħħa Umana ta' Reżistenza Bħal Din, J. Vet. Med.. 51: 374 - 379

<sup>5</sup> De Jong et al.: Stħarriġ pan-Ewropew ta' suxxettibilità antimikrobjali għall-mediċini antimikrobjali għall-użu mill-bniedem fost batterji zoonotiċi u commensal iżolati minn annimali b'saħħithom li jipproduċu l-ikel. J Antimicrob. Chemotherapy 63, 733-744, 2009

<sup>6</sup> L-istudju ARBAO-II, L-Okkorrenza ta' reżistenza antimikrobjali fost il-patoġeni batteriċi u batterji indikaturi fil-majjali f'pajjiżi Ewropej differenti mis-sniin 2002-2004, Acta Veterinaria Scandinavica 50(19) (2008)

doxycycline hyclate/kg bw/kuljum għal 4 ijiem; u perjodu ta' rtirar ta' 12-il ġurnata għal-laħam meta t-tiġieġ ikunu rċevew kura b'20 mg doxycycline hyclate/kg bw/kuljum għal 4 ijiem jistgħu jiġu aċċettati.

Meta l-majjali jingħataw 12.5 mg doxycycline hyclate/kg bw/kuljum għal 8 ijiem; il-perjodi tal-irtirar ta' 4 ijiem għal-laħam jassiguraw is-sigurtà lill-konsumatur.

### **Evalwazzjoni tal-bilanċ tal-Benefiċċju u tar-riskju**

Huwa ċar li d-dejta xjentifika disponibbli hija limitata ħafna biex tappoġġa ħafna mill-indikazzjonijiet proposti għall-użu tal-prodott, madankollu jista' jkun ikkunsidrat li għandu "użu stabbilit sew".

Barra minn hekk, mill-farmakoviġilanza ma ntweriet l-ebda evidenza ta' riskju serju li huwa assoċjat mar-reġimens ta' dożaġġi attwali għat-tiġieġ u l-majjali u għalhekk jistgħu jinżammu.

It-twissijiet ġenerali u l-pariri li jirrigwardaw ir-reżistenza antimikrobjali ġew imsaħħa.

Il-konklużjoni finali għall-bilanċ tal-benefiċċju-riskju għall-użu tal-prodott jibqa' pożittiv.

## **Raġunijiet għall-emenda tas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott, l-ittikkettjar u l-fuljett ta' tagħrif**

Billi:

- is-CVMP ikkunsidra li l-iskop tar-referenza kien l-armonizzazzjoni tas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott, it-tikketta u l-fuljett ta' tagħrif;
- is-CVMP irrevoda s-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott, it-tikketta u l-fuljett ta' tagħrif proposti mis-Sid tal-Awtorizzazzjoni tal-Kummerċjalizzazzjoni u kkunsidra d-dejta ġenerali kollha sottomessa;

is-CVMP jirrakkomanda l-varjazzjoni tal-Awtorizzazzjonijiet għat-Tqegħid fis-Suq li għalih is-Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodott, it-tikketta u l-fuljett ta' tagħrif huma stabbiliti f'Anness III għal Doxyfar 50 % u l-ismijiet assoċjati ([ara Anness I](#)).

## **Anness III**

**Karatteristiċi tal-prodott fil-qosor, test tat-tikketta, fuljett tal-pakkett**

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Soludox 500 mg/g trab għall-użu fl-ilma tax-xorb għall-ħnieżer u t-tiġieġ  
Soludox 433 mg/g trab għall-użu fl-ilma tax-xorb għall-ħnieżer u t-tiġieġ (Franza biss)

## 2. GĦAMLA KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

1 gramma ta' trab fih:

### Sustanza attiva:

Doxycycline hyclate 500 mg, jikkorrispondi għal 433 mg doxycycline

FR: Doxycycline 433 mg, jikkorrispondi għal 500 mg doxycycline hyclate

### Eċċipjenti:

Għal lista sħiħa ta' reċċipjenti, ara sezzjoni 6.1

## 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Trab għall-użu fl-ilma tax-xorb

Trab isfar kristallin

## 4. TAGĦRIF KLINIKU

### 4.1 Speċi fil-mira

Ħnieżer u tiġieġ (brojler, pullet, min irabbi).

### 4.2 Indikazzjonijiet għall-użu, li jispeċifikaw l-ispeċi fil-mira

Ħnieżer: Għat-trattament tas-sinjali kliniċi assoċjati mal-marda respiratorja fil-majjali kkawżata minn *Actinobacillus pleuropneumoniae*, *Pasteurella multocida*, *Mycoplasma hyopneumoniae* u suxxettibbli għal doxycycline.

Tiġieġ: Fejn mard kliniku huwa preżenti fil-merħla, sabiex titnaqqas il-mortalità, morbidità, u sinjali kliniċi u jitnaqqsu leżjonijiet minħabba Pasteurellosis ikkawżata minn *Pasteurella multocida* jew sabiex inaqqsu l-morbidità u leżjonijiet fl-infezzjonijiet respiratorji kkawżati minn *Ornithobacterium rhinotracheale* (ORT).

### 4.3 Kontra indikazzjonijiet

Tużax f'każ ta' sensittività eċċessiva għas-sustanza attiva jew għal xi sustanzi mhux attivi.

Tużax f'annimali li għandhom indeboliment fil-fwied.

### 4.4 Twissija speċjali għal kull speċi fil-mira.

Xejn.

### 4.5 Prekawzjonijiet speċjali għall-użu

#### Prekawzjonijiet speċjali għall-użu fl-annimali

Minħabba l-varjabilità probabbli (ħin, ġeografika) fis-suxxettibilità ta' batterji għal doxycycline, speċjalment iċ-ċifri ta' suxxettibilità *A. pleuropneumoniae* u *O. rhinotracheale* jistgħu jvarjaw minn pajjiż għal ieħor u anke minn razzett għal razzett, kampjuni batterjoloġiċi u ttestjar ta' suxxettibilità huma rakkomandati. Użu tal-prodott għandu jkun ibbażat fuq il-kultura u sensittività ta' mikro-organiżmi minn

każijiet morda fir-razzett. Jekk dan ma jkunx possibbli, it-terapija għandha tkun ibbażata fuq lokali (reġjonali livell ta' razzett,) informazzjoni epidemjoloġika dwar suxxettibbiltà tas-batterji fil-mira. Bħala qerda tal-patoġeni fil-mira ma jistgħux jintlaħqu, għalhekk il-medikazzjoni għandha tkun maqgħuda ma' prattiċi ta' ġestjoni tajba, eż iġjene tajba, ventilazzjoni xierqa, l-ebda ħżin żejjed.

#### **Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-annimali**

Jekk taf li int allerġiku għall-klassi ta' antibijotiċi tetraċiklini, kura speċjali għandha tittieħed meta tuża dan l-prodott jew is-soluzzjoni medikat.

Waqt il-preparazzjoni u amministrazzjoni tal-ilma tax-xorb medikat, kuntatt mal-ġilda tal-prodott u l-inalazzjoni ta' partikoli ta' trab għandu jkun evitat. Ilbes ingwanti impermeabbli (lastku eż. jew il-latex) u maskla għat-trab xierqa (eż. li jintremew ta' nofs maskla li tikkonforma mar-respiratur Ewropea EN149 Standard) meta tapplika l-prodott.

Fil-każ ta' kuntatt mal-għajnejn jew mal-ġilda, laħlaħ iż-żona affettwata b'ammonti kbar ta' ilma nadif u jekk iseħħ irritazzjoni, fittex attenzjoni medika. Aħsel idejk u ġilda kkontaminat immedjatament wara li tmiss il-prodott.

Jekk tiżviluppa sintomi wara espożizzjoni bħal raxx tal-ġilda, għandek tiffittex parir mediku u turi din it-twissija lit-tabib. Nefħa fil-wieċ, xofftejn jew għajnejn, jew diffikultà fin-nifs huma sintomi aktar serji u jeħtieġu attenzjoni medika urġenti.

Tpejjipx, tiekolx jew tixrob waqt li qed tmiss il-prodott.

Ħu miżuri biex jiġi evitat li jipproduċu trab meta jinkorporaw il-prodott fl-ilma. Evita kuntatt dirett mal-ġilda u l-għajnejn meta tmiss il-prodott biex jevitaw l-sensitizzazzjoni u dermatite tal-kuntatt.

#### **4.6 Effetti mhux mixtieqa (frekwenza u gravità)**

It-Tetracyclines jistgħu – f'każijiet rari ħafna - jinduċi fotosensittività u reazzjonijiet allerġiċi. Jekk iseħħu reazzjonijiet suspettati avversi, il-kura għandha titwaqqaf. Informa lit-tabib veterinarju tiegħek jekk ir-reazzjonijiet avversi jseħħu li mhumiex mistqarra.

#### **4.7 Użu fit-Tqala, fi żmien il-ħalib u meta jbidu l-bajd**

Id-Doxycycline għandu affinità baxxa biex jifforma kumpleksi mal-kalċju u studji wrew li d-doxycycline bilkemm taffettwa l-formazzjoni tal-iskelettu. L-ebda effetti negattivi kienu osservati fit-tjur wara l-għoti ta' dożi terapewtiċi tad-doxycycline.

Fin-nuqqas ta' studji speċifiċi l-użu tal-prodott mhux rakkomandat waqt it-tqala jew treddegh.

#### **4.8 Effetti fuq prodotti mediċinali oħra jew effetti oħra**

Tikkombinax ma' antibijotiċi li huma bacterioċidali eż penicillini jew cephalosporini. Assorbiment ta' doxycycline jista' jonqos fil-preżenza ta' kwantitajiet għoljin ta' kalċju, ħadid, manjesju jew aluminju fid-dieta. Tamministrax ma' antaċidi, il-kaolina u preparazzjonijiet tal-ħadid.

Huwa rakkomandat li l-intervall bejn l-amministrazzjoni ta' prodotti oħra li fihom il-katjoni polivalenti għandhom ikunu 1-2 sigħat minħabba li jillimitaw l-assorbiment ta' tetracyclines.

Id-Doxycycline iżid l-azzjoni tal-antikoagulanti.

Is-solubilità tal-prodott hija pH dipendenti u tippreċipita jekk imħallat f'taħlita alkalina.

Iżommx l-ilma tax-xorb f'kontenituri tal-metall.

#### **4.9 Ammonti li għandhom jiġu amministrati u l-metodu ta' amministrazzjoni**

Amministrazzjoni mill-ħalq mal-ilma tax-xorb.

Id-doża rakkomandata fil-ħnieżer hija:

12.5 mg doxycycline hyclate (25 mg tal-prodott) għal kull kg piż tal-ġisem kuljum għal 4 ijiem konsekuttivi. Jekk l-ebda titjib fis-sinjali kliniċi ma jidher f'dan iż-żmien, id-dijanjożi għandha tiġi

riveduta u t-trattament mibdul. Fil-każ ta' infezzjonijiet severi il-perjodu ta' medikazzjoni jista' jiġi mtawwal għal massimu ta' 8 ġranet konsekuttivi kif determinat mill-kirurgu veterinarju li jattendi.

Id-doża rakkomandata fit-tiġieġ hija:

10 mg doxycycline hyclate (20mg tal-prodott) għal kull kg piż tal-ġisem kuljum għal bejn 3-4 ijiem konsekuttivi fil-każ ta' infezzjonijiet ikkawżati minn *P. multocida* u

20 mg doxycycline hyclate (40 mg tal-prodott) kull kg piż tal-ġisem kuljum għal bejn 3-4 ijiem konsekuttivi fil-każ ta' infezzjonijiet ikkawżati minn *O. rhinotracheale*

Ibbażat fuq id-doża li għandha tintuża, u n-numru u piż tal-annimali li jridu jiġu ttrattati, l-ammont ta' kuljum eżatt tal-prodott jista' jiġi kkalkolat. Il-formula li ġejja tista' tintuża biex tikkalkula l-konċentrazzjoni tal-prodott fl-ilma tax-xorb:

$$\frac{\text{..... mg tal-prodott / kg piż tal-ġisem kuljum} \times \text{Piż tal-ġisem medju (kg) tal-annimali li ser jiġu ttrattati}}{\text{Konsum medju kuljum ta' ilma (l) għal kull animal}} = \text{.... mg tal-prodott kull l ta' ilma tax-xorb}$$

Biex jiġi żgurat dożaġġ korrett il-piż tal-ġisem għandu jkun determinat eżatt kemm jista' ikun possibbli. It-teħid tal-ilma tax-xorb medikat jiddependi fuq il-kundizzjoni klinika tal-ħnieżer/tiġieġ. Sabiex jinkiseb l-dożaġġ korrett il-konċentrazzjoni ta' doxycycline għandu jiġi aġġustat kif xieraq. L-użu ta' tagħmir ta' użin ikkalibrat xieraq huwa rakkomandat jekk parti minn pakketti huma użati. L-ammont ta' kuljum għandu jiġi miżjud mal-ilma tax-xorb b'tali mod li l-medikazzjoni se jiġi kkunsmat f'24 siegħa. L-ilma tax-xorb medikat għandu jkun mnaddaf jew mibdul kull 24 siegħa. Huwa rakkomandat li jiġi ppreparat konċentrat pre-soluzzjoni - madwar 100 gramma għal kull prodott litru tal-ilma tax-xorb - u biex ittaffi din iżjed konċentrazzjonijiet terapewtiċi jekk ikun meħtieġ. Alternattivament, il-soluzzjoni konċentrata tista' tintuża f' medicator proporzjonali ta' ilma. Is-solubilità tal-prodott huwa pH dipendenti u jista' jippreċipita jekk ikun imħallat fl-ilma tax-xorb alkalin iebes. Uża f'konċentrazzjonijiet minimu ta' 200 mg trab għal kull litru ilma tax-xorb f'postijiet bl-ilma tax-xorb alkalin iebes (ebusija 'l fuq minn 10.2 °d u pH aktar minn 8.1). Matul il-perjodu ta' trattament l-annimali m'għandhomx ikollhom aċċess għal sorsi oħra ta' ilma għajr l-ilma medikat.

#### 4.10 Doża eċċessiva (sintomi, proċeduri ta' emerġenza, antidoti)

Dożi eċċessivi sa 1.6 darbiet id-doża rakkomandata fuq it-tikketta ma wrew ebda sinjali kliniċi li jistgħu jkunu attribwiti għall-kura. Tjur jittolleraw dożi eċċessivi doppji ta' doxycycline (40 mg/kg) mingħajr l-ebda effett kliniku.

#### 4.11 Perjodu ta' Tiżmim

Ħnieżer:

- Laħam u interjuri: 4 ijiem

Tiġieġ:

- Laħam u interjuri: 3 ijiem, wara rata ta' doża ta' 10 mg/kg piż tal-ġisem għal 4 ijiem.

- Laħam u interjuri: 12-il jum, wara rata ta' doża ta' 20 mg/kg piż tal-ġisem għal 4 ijiem.

- Bajd: L-użu mhuz awtorizzat f'tjur li jbidu li jipproduċu l-bajd għall-konsum mill-bniedem. Tużax qabel 4 ġimgħat mill-bidu tal-perjodu mill-bid

## 5. KWALITAJIET FARMAKOLOĠIĊI

Kategorija farmakoterapewtika: Antibatteriċi - Tetraċiklini. ATC kodiċi vett : QJ 01 AA 02

### 5.1 Kwalitajiet Farmakodinamiċi



Id-Doxycycline tappartjeni għall-grupp tal-antibijotiċi tetraċiklini. Dawn l-antibijotiċi għandhom spettru wiesgħa ta' attività antimikrobjali, li jaqsmu l-istess struttura bażika ta' naphthacencarboxamide poliċikliċi.

Id-Doxycycline hija primarjament droga batterjostatika. Hija teżerċita l-azzjoni tagħha billi tinibixxi s-sintesi tal-proteini taċ-ċellola batterjali. Inibizzjoni ta' sinteżi tal-proteini batterjali jwassal għal tfixkil fil-funzjonijiet kollha meħtieġa għall-ħajja ta' batterji. Speċjalment diviżjoni fiċ-ċellola u l-formazzjoni tal-ħajt taċ-ċelluli huma indebolita.

Id-Doxycycline hija antibijotiku bi spettru wiesa', attiva kontra numru kbir ta' Gram-pożittivi u Gram-negattivi, aerobe u anaerobe mikro-organismi, Mycoplasmata, klamidji u Rickettsia.

Għall-*Ornithobacterium* ir-riżultati tar-rhinotracheale juru varjazzjoni kbira minn għoljin għal suxxettibilità baxxa, li jiddependi mir-reġjun ġeografiku fejn iżolati ġew minn.

Fil-patoġeni tal-ħnieżer ir-reżistenza kontra d-doxycycline tista' tvarja wkoll; speċjalment figuri ta' suxxettibilità tal-*A. pleuropneumoniae* jistgħu jvarjaw minn pajjiż għal ieħor u anke minn razzett għal razzett.

